MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 386/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**
**Vs**
**Omissis**
**Malcolm Mifsud**
**Luke Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
Fil-15 ta' Mejju 2006 ghall-habta ta' l-4:30 p.m. fin-Naxxar ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni KBC 857, li kien fiha senter tal-kacca, cinturin mimli bl-iskratac u affarijiet ohra, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, xorta tal-haga misruqa u l-valur li jeccedi l-elf lira (Lm1000) sar ghad-dannu ta' Raymond Pirotta minn Naxxar;

Fl-istess data, bejn l-4:30 p.m. u l-4:50 p.m., f' lokalitajiet differenti f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg u cioe' l-vettura u l-affarijiet imsemmija, misruqa, mehudha b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b' kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;
Fil-15 ta' Mejju 2006 bejn l-4:30 p.m. u l-4:50 p.m., f' lokalitajiet differenti f' dawn il-Gzejjer kienu fil-pussess jew kontroll, jew kellhom f' idejhom jew fuqhom arma tan-nar u cioe', senter tal-kacca u munizzjon, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Fil-15 ta' Mejju 2006 bejn l-4:30 p.m. u l-4:50 p.m., f' lokalitajiet differenti f' dawn il-Gzejjer saqu vettura, u cioe' dik imsemmija aktar 'l fuq, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, b' hekk ma kienux koperti b' polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;
Lil omissis wahdu akkuzat talli rrenda ruhu ricediv b' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
Lil Malcolm Mifsud wahdu akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 10 ta' Mejju 2004 u 5 t' April 2006, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
Lil Luke Farrugia wahdu akkuzat bi ksur tal-probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 6 ta' Marzu 2005 u illiberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu u cioe' li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 334 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat li sabet lill-appellant Malcolm Mifsud hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-akkuza li garr arma tan-nar minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w ikkundannatu tnax-il xahar prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-appellant Malcolm Mifsud

mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
Wara li rat l-artikoli 17, 325(1)(a), 334 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta w l-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ddikjarat li sabet lill-appellant Luke Farrugia hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-akkuza li garr arma tan-nar minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w tal-akkuza li kiser ordni ta’ probation impost fuqu permezz ta’ sentenza tas-6 ta’ Marzu, 2005 u kkundannatu sentejn prigunerija.
Il-Qorti ddikjarat lill-appellant Luke Farrugia mhux hati tal-akkuza l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti kkundannat lill-appellanti sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ LM22.50 liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Malcolm Mifsud minnu pprezentat fit-28 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant mit-tieni u t-tielet imputazzjoni meta l-appellant gie misjub hati mill-Ewwel Qorti w tikkonfermaha fil-bqija tas-sentenza meta sabitu mhux hati ta’ l-akkuzi l-ohra kif dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza nflitta ta’ prigunerija ta’ tnax-il xahar f’wahda ta’ probation order jew ta’ sentenza sospiza ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat ir-rikors tal-appellant Luke Farrugia minnu pprezentat fit-28 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel u r-raba’ akkuzi w tirrevokaha fil-bqija w tilliberah minn kull htija w piena, jew, alternattivament tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Malcolm Mifsud jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Qorti ghalkemm ibbazat il-htija fuq it-tieni akkuza w eventwalment it-tielet akkuza wara li citat hekk l-imsejha teorija ta' "recent possession" jibqa' l-fatt illi l-appellant baqa' jsostni l-posizzjoni tieghu li qatt ma giet kontradetta tant li mhux kontradett lanqas mill-imputati l-ohra w li ghalhekk fuq bazi ta' probbabilita' l-Qorti kellha tillibera wkoll lill-appellant mit-tieni w it-tielet akkuza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, dan huwa aggravju fuq il-piena w dan stante li ladarba l-appellant gie moghti piena karcerarja ta' tnax-il xahar fuq imputazzjoni ta' ricettazzjoni ta' senter u ma nstabx hati ta' recediva hekk kif akkuzat, u stante li dan huwa kaz li jmur lura ghal iktar minn tliet snin ilu meta minn dak iz-zmien l-hawn l-appellant illum huwa issettjat hafna fil-hajja tieghu kif jista' jigi rappurtat mill-istess probation officer tieghu Mary Rose Farrugia w ukoll il-psikjatra, l-ispecjalista Joseph Spiteri kif ukoll il-fatt li hu ghamel mhux inqas minn seba' xhur "home arrest", il-Qorti kellha tikkunsidra li ma tapplikax sentenza ta' piena karcerarja effettiva imma tapplika fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz jew probation order jew piena ta' habs sospiz u dan stante li kif jirrizulta l-appellant qatt ma nstab hati li kiser kundizzjoni tal-Qorti kemm f'dik li tista' tkun taht probation order kif ukoll ta' sentenza sospiza, skond il-kaz li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Luke Farrugia jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi fir-rigward tar-ricettazzjoni tal-vettura Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni KBC 857. Jinghad mill-ewwel li ma hemm assolutament ebda prova li torbot lill-appellant ma' din il-vettura li allegatament giet misruqa minghand Raymond Pirotta fil-15 ta' Mejju, 2006.

Illi f'dan il-kaz instab senter u xi oggetti ohra fil-vettura ta' l-ghamla Peugeot proprjeta' tal-ko imputat

Malcolm Mifsud liema oggetti kienu gew allegatament misruqa minghand l-imsemmi Raymond Pirotta ftit minuti qabel. Fl-istqarrija tieghu Malcolm Mifsud assuma r-responsabbilita' ghal dawk l-oggetti. Ciononstante, il-Qorti tal-Magistrati, presumibilment b'sensiela ta' sillogismi zbaljati, kkonkludiet li l-appellant kien ir-ricettatur mhux biss ta' dawk l-oggetti izda wkoll tal-vettura Toyota Hilux.

Illi ma jirrizulta minn imkien mill-atti kif insterqet din il-vettura ghajr ghax-xiehda lakonika tad-derubat Raymond Pirotta. Lanqas ma jirrizulta kif, fejn u f'liema cirkostanzi nstabet din il-vettura. Li kieku gie esebit ir-rapport li ghamel Pirotta jew ghall-inqas li kieku dan ix-xhud forna xi dettalji dwar fejn u x'hin instabet din il-vettura, wiehed seta' forsi jipprova jara jekk tezistix xi rabta bejn l-appellant u din il-vettura. Sfortunatament dan il-fatt gie kompletament injorat mill-Qorti tal-Magistrati li fl-ebda mument ma ddistingwiet bejn l-oggetti li nstabu fil-presenza ta' persuna/i li kienu ma' l-appellant u l-vettura.

Illi di piu, f'dan il-kaz ma sar ebda ezami komparattiv bejn il-fingerprints misjuba fuq din il-vettura u dawk ta' l-appellant. Fil-fatt lanqas ma jirrizulta jekk effettivament ittiehdux fingerprints mil-vettura allegatament misruqa. Mistoqsi mill-Pulizija, l-appellant qal li kien ikun lest jaghti l-fingerprints tieghu fuq ordni tal-Magistrat. Pero' minn dan kollu ma sar xejn.

Illi ghandu jigi rilevat li fir-rigward tal-vettura Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni KBC 857, l-appellant instab hati tar-ricettazzjoni taghha a bazi tat-teorija tar-recent possession meta lanqas biss ma rrizulta li kien fil-pussess taghha. Dan hu, bl-aktar rispett, spropozitu legali u fin-nuqqas ta' prova ta' pussess huwa inkoncepibbli kif persuna tista' tinstab hatja ta' ricettazzjoni a bazi ta' din it-teorija li l-unika ratio taghha hija proprju l-pussess ricenti.

2. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet ukoll apprezzament zbaljat tal-provi fir-rigward tar-ricettazzjoni ta' l-oggetti l-ohra u fir-rigward tal-pussess jew kontroll tas-senter u l-munizzjon minghajr id-debita licenzja.

Illi jinghad bl-akbar rispett li a parti mill-fatt li l-ko-imputat Malcolm Mifsud assuma r-responsabbilita' ta' l-oggetti li nstabu fil-vettura tieghu, jirrizulta mill- provi li ngabu mill-prosekuzzjoni li l-appellant ma kellux x'jaqsam ma' dawn l- oggetti u ma jistax jinstab hati tar-reat ta' ricettazzjoni semplicement a bazi tal- fatt li kien fl-istess vettura ma' persuna li effettivament assumiet ir- responsabbilita' ta' dawn l-oggetti.

3. Illi t-trapass ta' zmien bejn is-serqa tat-Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni KBC 857 u s-sejba ta' l-oggetti li allegatament kienu fiha gewwa l-vettura proprjeta' tal-ko-imputat Malcolm Mifsud kien qasir wisq biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-oggetti allegatament misruqa gew b'xi mod ricettati.

Illi jirrizulta mix-xiehda ta' Raymond Pirotta li l-vettura nsterqet ftit minuti qabel il-4.30 p.m. u li xi ghaxar jew hmistax-il minuta wara l-Pulizija cemplulu u qalulu li din il-vettura kienet instabet. Din il-prova hija semmai indikattiva tal- fatt li s-sewwieq taghha kien seraq din il-vettura u mhux irricettaha. Jinghad bl-akbar rispett li t-trapass ta' zmien tant hu qasir li r-reat ta' ricettazzjoni huwa eskluz.

4. Illi l-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati hija wisq gravuza ghac-cirkostanzi tal-kaz u anke tac-cirkostanzi personali ta' l-appellant.

Ikkunsidrat :

Il-fatti huma pacifici w jikkonsistu illi fil-15 ta' Mejju, 2006 ghall-habta ta' 4.30 p.m. il-Pulizija tal-Mobile Squad intercettaw vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni HAW 931 fl-inhawi tal-Mekkek Bar, San Gwann. Il-vettura kienet misjuqa mill-appellant Malcolm Mifsud u bhala passiggier fuq quddiem kien hemm l-appellant Luke Farrugia, fuq wara kien hemm Alfred Bugeja. Fil-vettura nstab senter tal-kacca tal-marka Antonio Zoli bis-serial number 214257, li kien fuq is-seat ta' wara hdejn Alfred Bugeja. Instabu wkoll cinturin mimli skratac u mwies. Dawna kienu fuq is-seat ta' wara hdejn Alfred Bugeja.

Illi l-appellant Malcolm Mifsud qal illi sab u gabar is-senter minn hdejn skip. Rigward l-imwis qal illi kien juzahom ghall-bahar.

Mill-ewwel indagni li ghamlet il-Pulizija rrizulta li s-senter u c-cinturin kif ukoll il-mwies li nstabu fil-vettura kienu ghadhom kemm insterqu ftit tal-minuti qabel minn vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni KBC 857 meta sidha Raymond Pirotta kien halla l-vann ipparkjat bic-cwievet, hdejn hanut taz-zebgha fi Triq 21 ta' Settembru, n-Naxxar. Il-vettura giet misjuba aktar tard mill-Pulizija fil-Wied ta' San Gwann f'post indikat lilhom minn Alfred Bugeja.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant Malcolm Mifsud ta zewg verzjonijiet kif sab dak is-senter. L-ewwel qal li sabu hdejn skip u meta ma kienx f'posizzjoni jindika fejn kien dan l-iskip qal illi sabu hdejn hajt tas-sejjieh u uza l-kelma skip ghaliex ghalih dan kien oggett mormi.

Fl-istqarrija tieghu Luke Farrugia (fol. 82 – 83) ikkonferma illi kien ma Malcolm Mifsud meta dan ta' l-ahhar gabar is-senter u kien qieghed jistennih fil-karozza.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-fatti, l-appellanti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi ma ssibhomx hatja tat-tieni imputazzjoni dik ta' ricettazzjoni w tikkonferma l-bqija tas-sentenza fejn illiberat lill-appellanti mill-akkuza ta' serq.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn ghamlet esposizzjoni cara hafna tat-teorija tar-"recent possession" u kkwotat diversi atturi in sostenn tat-tezi taghha.

Din il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma dak illi enuncjat l-Ewwel Qorti. Tirreferi biss ghal dak illi jghid Blackstone (Criminal Practice 1991) : *"if the accused was found in possession of goods which have recently been stolen, and if he offers no satisfactory explanation for this, the*

*jury maybe entitled to infair that he either stole those goods or received them. It is purely a question of fact, and little more than a matter of common sense. No presumption of law is involved; the legal burden of proof remains on the prosecution as usual, and the accused's right to remain silent is uneffected"* (page 262).

Kif jirrizulta mis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma emmnitx il-verzjoni tal-appellanti specjalment dik ta' Malcolm Mifsud meta huwa jghid illi sab is-senter, ic-cinturin u l-affarijiet l-ohra fejn skip jew taht il-hajt, u l-istess taghmel din il-Qorti w ghalhekk ghal dak li jirrigwarda dak l-apprezzament mhux il-kaz illi jigi disturbat.

Pero' din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjoni tal-Qorti tal-Magistrati meta qalet illi minkejja kollox setghet issib lill-appellanti hatja ta' ricettazzjoni w mhux ta' serq.

Fil-kawza l-Majesta Tieghu r-Re vs Guzeppi Sultana et. (11.03.1943) inghad : *"huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi min jiehu pussess ta' oggett li jsib f'xi lok taht cirkostanzi li juru illi dak l-oggetti jappartjeni lil xi hadd u ma giex abbandunat minn sidu jikkommetti serq ......"*

L-oggetti in kwistjoni senter tal-kacca, munizzjoni w imwis certament bl-ebda mod ma setghu ragjonevolment jindikaw illi kienu gew abbandunati jew mitlufa minn sidhom anki jekk stess instabu fejn l-appellanti jghidu illi sabuhom.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi filwaqt illi rragunament kemm dak fatwali kif ukoll legali tal-Ewwel Qorti huwa korrett u ma jistax jigi censurat, il-konkluzzjoni hija zbaljata, peress illi l-awturi kollha jindikaw illi l-konkluzzjoni kellha tkun wahda ta' serq u mhux dik ta' ricettazzjoni.

Din il-Qorti tirrileva illi fir-rikors tal-appell ta' Luke Farrugia nghatat hafna importanza ghas-sejbien ta' htija dwar is-serq tal-van. Jidher illi dana sar taht idea zbaljata peress

illi l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellanti hatja tas-serq tal-van u eskludiet dan l-ipotezi.

Fl-istess rikors gie spjegat illi r-reat ta' ricettazzjoni m'huwiex xi reat risidwu ghas-serq izda wiehed distint u separat kif jikkonfermaw is-sentenzi "Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb" [16.12.1998] u l-Pulizija vs Raymond Gauci [23.05.1983].

Ikkunsidrat :

F'dan l-istadju din il-Qorti qed tigi rinfaccata b'sitwazzjoni li jkollha tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti minghajr ma ntalbu fir-rikors tal-appell tal-appellanti. Sa ftit zmien ilu dan ma setax isir u l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza "Il-Pulizija vs Carmel Debono" [01.11.1996] fejn il-Qorti qalet *"din il-Qorti hi llum prekluza milli ssib lil-appellant hati ta' ricettazzjoni ga ladarba huwa gie liberat minn dik l-akkuza fl-ewwel stanza w ma hemmx appell da parti tal-prosekuzzjoni. Kif din il-Qorti ga osservat fis-sentenza taghha tat-18 t'Ottubru 1996 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar" meta l-imputazzjonijiet ikunu evidentement alternattivi, Qorti li ssib htija ta' imputazzjoni minnhom m'ghandix tillibera mill-imputazzjoni l-ohra izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha."*

Izda, bl-introduzzjoni tal-emenda ghall-artikolu 476 tal-Kodici Kriminali (Avviz Legali 3/2002) il-Qorti tista' fuq akkuza ta' serq u meta jkun hemm liberatorja ssib htija ta' mizappropriazzjoni w l-istess fl-invers (Art. 476(2) Kap. 9). Dan igib fix-xejn l-argument tad-difiza fir-rikors tal-appell ta' Luke Farrugia w is-sentenzi hemm ikkwotati illi kollha huma qabel l-introduzzjoni tal-Avviz Legali fuq imsemmi.

Ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel uzu minn dan il-provvediment biex tpoggi s-sentenza tal-Ewwel Qorti fuq il-binarji korretti li jwassluha ghas-soluzzjoni logika skond ir-ragunament kemm fatwali kif ukoll legali tal-istess l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi tilqa' in parti l-appell taz-zewg appellanti billi, fir-rigward tal-appellant Malcolm Mifsud

tirriforma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza, dik ta' ricettazzjoni w minnha tilliberah u minflok issibu hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament pero' ghas-serq ta' senter, cinturin u mwies izda mhux tal-van. Tikkonfermaha mill-bqija fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni w cioe' pussess ta' arma tan-nar u munizzjoni minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll fl-ghoti tal-piena ta' tnax (12) il-xahar prigunerija.

In kwantu ghall-appellant Luke Farrugia tirriforma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza w minnha tilliberah u minflok isibu hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament ghas-serq ta' senter, cinturin u mwies izda mhux tal-van u tikkonfermaha fil-bqija fejn sabitu hati tat-tielet u s-sitt imputazzjonijiet inkluza l-ghoti tal-piena ta' sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------